KUNSILL LOKALI

**MOSTA**

LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 41 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fit-7.55 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.25 | 10.15 |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.55 | 10.15 |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.35 | 10.15 |
| Kunsillier Abraham Bezzina | assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Irrapurtat | *'sick'* |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.35 | 10.15 |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | Irraporta | *'sick'* |
| Kunsillier James Cassar | 7.55 | 10.15 |
| Kunsillier Keith Cassar | 8.03 | 10.15 |
| Kunsillier David Meilak | 7.55 | 10.15 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.00 | 10.15 |

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Il-Laqgħa giet trasmessa *live* fuq il-Websajt tal-Kunsill.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti Laqg]a Nru 40 - 27 ta' Ottubru 2014**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 40 li saret fis-27 ta' Ottubru 2014 kienu intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament wara li saret emenda f'*item* No. 2.04 kif ġej :

Wara il-kliem 'Triq il-Ħtajriet' żdiedu l-kliem 'bejn Triq il-Kbira u Triq San Anton Abbati'.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

Dwar item 2.02 – Skema tal-Housing Authority - Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, irrapurtat li kienu applikaw 11 l-amministratur tal-blokki iżda wieħed mill-applikanti ma ġiex biex jiffirma u dan kien infurmana b'telefonata li ma kienx interessat. Għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' għażla. L-għaxar applikanti ffirmaw il-ftehim mal-Housing Authority waqt il-laqgħa msejħa apposta fl-uffiċini tal-Kunsill. Għal dan l-iffirmar kienu preżenti uffiċjali tal-Housing Authority (fosthom iċ-Chairperson Mrs. Vassallo), Is-Sindku u l-Aġent Segretarju tal-Kunsill.



Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

Dwar item 2.05 – Parking fiż-żona tal-Iskola f'taż-Zokrija – Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa oħra fuq il-post bejn rappreżentanti tal-Iskola, tal-Pulizija, ta' Transport Malta u tal-Kunsill. Ġie propost li sabiex tiġi solvuta l-problema ta' konġestjoni tat-traffiku u parkeġġ f'din iż-żona kien hemm bżonn li (1) d-diriġenti tal-Iskola jiftħu l-parkeġġ li hemm il-ġewwa mill-*boundary* tal-Iskola sabiex l-għalliema tal-Iskola jkollhom fejn jipparkjaw il-karozzi privati tagħhom ġewwa l-proprjeta' tal-iskola stess, u (2) Transport Malta tagħmel u tapprova skema ta' *traffic management* għaż-żona u jsiru sinjali u marki tal-*parking bays*. Il-Kunsill kiteb uffiċjalment lil-Transport Malta iżda sal-lum ma kien hemm l-ebda risposta minn Transport Malta. Lanqas ma kien jidher li l-amministrazjoni tal-Iskola ħadu xi passi sabiex jinfetaħ il-parkeġġ imsemmi għall-għalliema.

Il-kunsillier Alex Muscat qal li l-Kunsill għandu jikteb direttament lid-Dipartiment tal-Edukazjoni dwar dan.

Dwar item 5.00 – Gbir ta' Skart fil-Mosta – F'isem Northern Cleaning, kuntratturi tal-Kunsill għal-Ġbir ta' Skart Domestiku fil-Mosta, kien preżenti għal-Laqgħa is-Sur Raymond Mizzi. Dan ġie mistieden jipparteċipa fid-diskussjoni dwar dan l-*item*. Wara li l-kunsilliera semmew l-problemi li kienu jeżistu dwar is-servizz ta' ġbir tal-iskart u anke staqsew xi mistoqsijiet lis-Sur Mizzi, ġie deċiż unanimament li b'seħħ mit-12 ta' Jannar, 2015 il-ġbir tal-iskart domestiku jibda jsir filgħodu minflok filgħaxija. Dan għandu jibda fis-7.30 ta' filgħodu.

Wara l-interventi tal-kunsilliera, is-sur Mizzi ġie mwissi sabiex:

(1) ma jibqax jitgezzu boroż tal-iskart fil-kantunieri tat-toroq.

(2) ma jinġabrux boroż ħodor ta' skart riċiklabli meta mhux suppost u biex dawn ma jitħaltux mal-boroż suwed tal-iskart domestiku.

(3) ma jibdiex ġbir ta' skart kmieni ħafna qabel il-ħin miftiehem.

(4) il-kolletturi jikinsu u jiġbru xi skart li jaqa' mill-boroż meta dawn ikunu qed jinġabru.

(5) mhux permess li trakkijiet tal-kuntrattur jiksru regolamenti tat-traffiku billi jgħaddu kontra sinjali tal-'*one-way*' f'ċerti toroq.

(6) li waqt il-ġbir tal-iskart, it-trakkijiet jinstaqu bilmod sabiex il-kolletturi ma jkollhomx għalfejn jitfgħu l-boroż mill-bogħod bir-riżultat li jinxtered ħafna skart fit-toroq.

Is-Sur Mizzi qal li huwa kien ser jieħu nota ta' dan u qal li kienu diġa' qed jittieħdu miżuri sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-inkonvenjenti msemmija. F'dan l-istadju huwa rtira mil-Laqgħa.

F'din id-diskussjoni pparteċipaw ħafna mill-kunsilliera li llkoll qablu li kien hemm bżonn aktar dixxiplina u li l-kuntratturi għandhom jimxu mal-kundizzjonijiet tat-*Tender* u jekk le jittieħdu passi billi jinħarġulhom '*default notices*'.

**3.0 Materji Finanzjarji**

**3.01 (a) Lista ta' Pagamenti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Pagamenti (Skeda Nru: 30) għall-ammont ta' Ewro 88,194-04 kif ippreżentata u annessa ma' dawn il-minuti.

**(b)Lista tal-*Works Orders***

Ġiet approvata unanimament lista ta' Works Orders (Ottubru/Novembru 2014) kif annessa ma' dawn il-minuti.

**(c)Lista ta' *Purchase Orders***

Ġiet approvata unanimament lista ta' *Purchase Orders (*Novembru 2014) kif annessa ma' dawn il-minuti.

**d)Lista ta' Depożiti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Depożiti bankarji (Ottubru 2014) kif annessa ma' dawn il-minuti. Dawn id-depożiti jammontaw għal Ewro 267,180.16.

**e) *Write-offs of Past Accounts – Errors in debtors & creditors***

L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea, kien preżenti għal-laqgħa u dan ġie mistieden jispjega lill-Kunsilliera dan *l-item* kif ukoll l-item li jmiss.

Is-Sur Galea spjega li kien hemm bżonn ta write-offs ta' ċerti bilanċi (lista annessa) antiki li kien għadhom jidhru fil-kotba tal-Kunsill iżda li dawn kienu bilanċi mejta li fuqhom kienu kkummentaw anke l-awdituri tal-Kunsill. Il-Lista tinkludi kemm debituri kif ukoll kredituri tal-Kunsill. Meta wieħed jistudja l-lista jirriżulta li kien hemm bilanċ ta' madwar Euro 24,000 kontra l-Kunsill li kien hemm bżonn jiġu written-off. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-bilanċi jiġu written-off meta jsir l-għeluq tal-kontijiet għas-sena 2014.

**f) *Third Quarterly Report - July to September* 2014**

Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport tal-kontijiet ghat-tielet kwart tas-sena 2014 li kien jindika pożizjoni finanzjarja posittiva ta' 9%. Din l-approvazjoni saret wara li l-*accountant*, is-Sur Daniel Galea, spjega fid-dettall ir-rapport.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista Nru:37 ta' 8 *items* ta' korrispondenza. Id-deċizjoni dwar din il-korrispondenza tinstab annessa ma' dawn il-minuti.

Dwar korrispondenza nru:1 – talba għal *traffic management* u monument għal Dun Angelo Camilleri fi Triq it-Torri quddiem l-Oratorju tas-Subien, ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill jintalab jagħmel proposta ta' *traffic management* għal din il-Pjazza. Dwar il-monument sar qbil li dan mhux bilfors għandu jsir fil-Pjazza msemmija għaliex kien hemm post wkoll fil-parti ta' ġewwa tal-Oratorju wara l-kanċell fejn dan jista' jsir.

Dwar korrispondenza nru: 7 – talba minm Transport Malta għal xogħol ta' toroq ġodda, sar qbil li s-Sindku tibgħat lista ta' toroq li kien hemm bżonn isiru minn Transport Malta wara li l-kunsilliera jibgħatu bil-miktub il-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom.

## *5.0 Award of Tender*

a) **KLM 05/2014 – *Tender for Hiring and Installation of Street Lighting Decorations in various streets of Mosta during the Christmas period 2014.***

Wara li ġew studjati ż-żewg Tenders li rċieva l-Kunsill, ġie deċiż unanimament li dan jingħata lis-Sur Lawrence Cassar għas-somma ta' Ewro 12,000.— li kienet l-orħos waħda. Il-Kunsill jieħu ħsieb jħallas għall-applikazjoni u l-konsum tad-dawl u xi spejjeż ancellari oħra. Kif sar fi snin oħra s-sidien tal-ħwienet u l-istabilimenti tan-negozju tat-toroq ikkonċernati u ta' Pjazza Rotunda għandhom jintalbu jikkontribwixxu għal parti minn din l-ispiża.

b) KLM 04/2014 – ***Tender for the Supply and Installation of Playingfield Equipment and Safety Flooring in Gnien Sta. Margerita, Mosta***

Dan l-*item* tħalla għal-laqgħa oħra meta għandu jattendi l-Perit biex jispjega l-offerti li rċieva l-Kunsill għal dan it-*Tender*.

## **6.0 Attivitajiet tal-Milied fil-Mosta**

Il-Kunsillier Keith Cassar irraporta li kien qed ikun diffiċli jorganizza attivitajiet għal Milied minħabba spejjeż biex tin[ab tinda u anke minħabba nuqqas ta' interess mill-għaqdiet.

Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Cassar sabiex jibqa' jipprova jara jekk jirnexxilux jorganizza xi attivita'.

## *7.0 Pending Items on Embellishment of Mosta Square 2007*

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, infurmat li wara diversi laqgħat bejn il-Kuntrattur V&C Contractors Ltd. u l-Kunsill, fil-preżenza tal-avukati u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, ntlaħaq ftehim dwar il-kwistjoni ta' bilanċ li V&C kien baqgħalhom jieħdu mingħand il-Kunsill fuq il-proġett ta' Pjazza Rotunda.

Is-Sindku qalet li wara negozjati diffiċli, V&C qablu li jirrinunzjaw għat-talba tagħhom għal-interessi u jaċċettaw is-somma ridotta ta' Ewro 25,000.— bħala '*final settlement*' għat-talbiet tagħhom. Huma qablu wkoll li dan il-bilanċ jitħallas b'pagamenti mensili. L-avukati għandhom jippreparaw abbozz ta' ftehim għall-approvazzjoni u l-iffirmar taż-żewġ partijiet. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jsir dan il-ftehim.

F'dan l-istadju ssemmiet ukoll il-kwistjoni li hemm pendenti ma' Tal-General Co. Ltd. dwar bilanċi dovuti fuq dan il-proġett ta' Pjazza Rotunda. Il-Kunsill gie mfakkar li dan kien is-suġġett ta' arbitraġġ li hemm pendenti bejn Tal-General Co. Ltd u l-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Muscat talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jieħu ħsieb jinforma l-Kunsill fuq l-issues kollha pending fuq dan il-każ.

Is-Sindku nfurmat ukoll li kienu saru diversi laqgħat mal-avukati fuq il-kwistjoni li hemm pendenti wkoll bejn il-Kunsill u Agius & Agius Co. Ltd u V&C Contractors Ltd. dwar il-proġett ta' toroq f'Ta' Mlit. Dwar dan kien għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim. Hawn ukoll il-kuntratturi qed jitolbu somom kbar f'interessi li huma qed jgħidu li huma dovuti. Is-Sindku fakkret li fil-leġislatura l-oħra tal-kunsill ta' qabel dan (li damet 5 snin) is-Sindku ta' dak iż-żmien ma kien ħa l-ebda interess biex jiddiskuti u tiġi riżolta din il-kwistjoni u dan irriżulta f'aktar spejjeż ta' interessi mitluba mill-kuntratturi.

***8.0*** **Affarijiet Oħra**

8.01 Il-Kunsillier Keith Cassar informa li l-maratona tal-*Abseiling* li saret mill-iscouts Group tal-Mosta bil-kollaborazjoni tal-Kunsill kienet suċċess tant li attendew 622 persuna. Il-ġbir ta' flus li sar waqt din l-attivita' marru għal Fondi tad-Dar tal-Providenza tas-Siggiewi.

8.02 Is-Sindku talbet li l-Kunsilliera jipparteċipaw aktar għall-attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill u b'hekk ikunu qed jaqdu dmirhom aħjar lejn min eleġġihom fil-Kunsill Lokali.

8.03 Is-Sindku nfurmat li kien ġie ffirmat il-ftehim bejn TCTC u l-Kunsill tal-Mosta dwar tagħlim tal-kompjuter u attivitajiet oħra organizzati min TCTC fil-binja tal-Kunsill. Dan il-ftehim kien gie approvat mill-Kunsill.

8.04 Dwar il-Proġett ta' Bistra, s-Sindku nformat li saret laqgħa fuq is-sit f'Ta' Bistra mas-Sur Kenneth Gambin, is-CEO ta' Heritage Malta, u ġew diskussi l-problemi eżistenti sabiex jingħalaq u jiġi nawgurat dan il-Pro[ett. Sar qbil li s-Sur David Cardona ta' Heritage Malta jieħu post is-Sinjura Susannah Depasquale li kien ilha tirraporta 'sick' għal diversi xhur. Dawn il-problemi kienu ser jirriżultaw f'telf ta' fondi għall-Kunsill tal-Mosta u anke għall-*Partners* l-oħra ta' dan il-proġett. S'issa il-Kunsill huwa nfurmat verbalment li dan it-telf, jew aħjar talba ta' *recoverability of funds* mill-Unjoni Ewropeja tlaħħaq għas-somma ta' Ewro 8,000 u din mhix is-somma finali. Minbarra hekk xi xogħlijiet oħra li saru ħażin fuq ir-restawr u tagħmir tal-post kellhom jiġu rranġati mill-*handymen* tal-Kunsill bi spejjeż oħra żejda għall-Kunsill.

Sar ftehim mas-Sur Gambin li Heritage Malta jippreparaw il-materjal li jonqos sabiex jiġi nawgurat il-proġett u s-sit ikun jista' jibda jilqa' lill-viżitaturi sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar 2015.

8.05 l-Aġent Segretarju tal-Kunsill informa li s'issa ma kien hemm l-ebda rispons minn Transport Malta għat-talba ta' *Speed Cameras* li saret mir-Reġjun tat-Tramuntana f'isem il-Kunsill tal-Mosta fis-siti ta' Valletta Road,Vjal il-Qalbiena Mostin u Franġisku Pisani.

8.06 Sar qbil li Transport Malta tintalab tapprova li Triq Karlu Darmanin issir *one-way*.

**9.00 Tmiem tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fl-10.30 ta' filgħaxija.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv